**ID-DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET**

**L-Eżami Tal-Malti għal LSE Supply**

**Novembru 2024**

## L-ISKEMA TAL-MARKI

| **L-Ewwel Taqsima** | **IL-KOMPONIMENT** | | | **35 marka** | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu wieħed. F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa sa massimu ta' 5 marki.** | | | | | |
| **L-ESPRESSJONI**<br>• *l-użu tal-espressjonijiet*<br>• *l-idjomi*<br>• *il-vokabularju*<br>• *il-punteġġjatura*<br>• *il-binja tas-sentenzi* | Tajjeb ħafna<br>**(5)** | Tajjeb<br>**(4)** | Mhux ħażin<br>**(3)** | Batut<br>**(2)** | Batut Ħafna<br>**(1)** |
| **L-IDEAT FIL-KITBA**<br>• *il-qbil mas-suġġett*<br>• *is-sekwenza minn ħsieb għal ieħor*<br>• *l-istil tal-kitba* | Tajjeb ħafna<br>**(10)** | Tajjeb<br>**(8 )** | Mhux ħażin<br>**(6)** | Batut<br>**(4)** | Batut Ħafna<br>**(0-2)** |
| **L-IŻVILUPP TAL-KITBA**<br>• *imqassma f'paragrafi bid-daħla*<br>• *il-qalba u l-għeluq*<br>• *il-qbil bejn il-partijiet kollha*<br>• *il-ġeneru mħaddem tajjeb*<br>• *fiha l-ammont ta' kliem mitlub* | Tajjeb ħafna<br>**(5)** | Tajjeb<br>**(4 )** | Mhux ħażin<br>**(3)** | Batut<br>**(2)** | Batut Ħafna<br>**(1)** |
| **L-ORTOGRAFIJA** | Ftit li xejn żbalji ortografiċi<br>**(14-15)** | Minn 2-5 żbalji differenti<br>**(11-13)** | Minn 6-10 żbalji differenti<br>**(7-10)** | Minn 11-15-il żball differenti<br>**(4-6)** | Minn 16 sa 20 żball differenti<br>**(0-3)** |

| It-Tieni Taqsima | FEHIM IT-TEST | | 25 marka |
|---|---|---|---|
| **F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija.** | | | |
| A | Tweġibiet tal-mistoqsijiet | | |
| **1.** | ċ | marka | |
| **2.** | Erbgħa minn:<br>Ordni Reliġjuża, fil-qasam sportiv (futbol), fil-qasam tal-ġurnaliżmu sportiv, fil-qasam tal-istampa, fil-qasam tax-xandir lokali; fundatur tal-Kappella tal-Millennju. | 2 marki<br>½ marka għal kull tweġiba tajba | Iridu jintgħażlu erbgħa minn dawn. |
| **3.** | Kien meqjus importanti peress li Fr Hilary kien diġà sar famuż fil-qasam tal-isport permezz tat-tim tal-Hibernians. | 2 marki | |
| **4.** | Tlieta minn:<br>moħħu miftuħ; sportiv eżemplari; mimli ħlewwa u ħeġġa; ideat friski; jqanqal motivazzjoni; ifaħħar u japprezza l-ħidma ta' ħaddieħor; bieżel; dħuli; mimli valuri Nsara; kuraġġuż; determinat; mimli mħabba lejn iż-żgħażagħ; organizzat; kapaċi jippjana. | 3 marki | Iridu jintgħażlu tlieta minn dawn. |
| **5.** | Fr Hilary kien il-ġurnalista speċjali f'ħames edizzjonijiet tal-Logħob Olimpiku u kien ukoll il-kummentatur ewlieni f'seba' partiti finali tat-Tazza tad-Dinja tal-futbol. | 2 marki | Marka għal kull raġuni li jagħti. |
| **6.** | Fr Hilary waqqaf il-Kappella tal-Millennju u l-iskop tagħha hu li sservi ta' refuġju għal min għandu bżonn kemm għajnuna spiritwali kif ukoll materjali. | 2 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **7.** | Naħseb li Fr Hilary hu meqjus żagħżugħ minħabba l-mentalità miftuħa tiegħu u l-ħeġġa li joħloq inizjattivi ġodda, li jilħqu l-bżonnijiet tad-dinja tal-lum. | 2 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **8.** | Il-ġid (kemm materjali kif ukoll dak spiritwali) li ħareġ u għadu qed joħroġ mill-Kappella tal-Millennju, tant hu kbir, li qatt ma jista' jiġi mkejjel. | 2 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **9.** | Fil-qasam reliġjuż Fr Hilary ra kif jista' jgħin lil ta' madwaru mhux biss billi jiġbed liż-żgħażagħ lejn il-Knisja, iżda billi jgħinhom bl-aktar mod armonjuż u dinjituż fil-bżonnijiet spiritwali u materjali tagħhom. Mill-banda l-oħra l-pajjiż gwadanja eżempju ċar ta' kif għandu jkun l-isport nadif, kemm bħala logħob | 4 marki | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | kif ukoll fuq ix-xandir. Apparti dan, Fr Hilary irnexxielu jiġbed lejh liż-żgħażagħ li għal xi raġuni ma sabux is-sapport meħtieġ mis-soċjetà. | | |
| **B** | Għarfien il-Lingwa | | |
| **1.** | a. ma tgħaddix mingħajru<br>b. iżomm idejh b'imħabba<br>ċ. sawruh | 3 marki (marka għal kull waħda) | Jiġu aċċettati tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| **2.** | a. trasformazzjoni<br>b. jidwi | 2 marki (marka għal kull waħda) | |
| | | | |
| **It-Tielet Taqsima IL-KITBA TA' RAPPORT (80 kelma) 20 marka**<br>**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu rapport (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa sa massimu ta' 5 marki.** | | | |
| | Titlu | 3 marki | Ara li jkun titlu sħiħ, jidher b'mod prominenti u jista' jkollu sottotitlu jew isem l-awtur. |
| | L-Ortografija | 5 marki | Titnaqqas marka għal kull żball differenti – massimu sa 5 marki. |
| | Il-Kontenut | 12-il marka | Aċċetta kull kontenut li jagħmel sens u jorbot mat-titlu. |
| **Ir-Raba' Taqsima IL-KITBA TA' ITTRA / EMAIL (80 kelma) 20 marka**<br>**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun 10% anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa.** | | | |
| | Tqassim | 3 marki | Ara li jkun hemm l-indirizzi mqassma sew, id-data u t-tislima u t-tislija, inkluża l-firma. |
| | L-Ortografija | 5 marki | Titnaqqas marka għal kull żball differenti – massimu sa 5 marki. |
| | Il-Kontenut | 12-il marka | Aċċetta kull kontenut li jagħmel sens u jorbot mat-titlu. |